XEWKIJA

***MINUTI***
***KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA***
***LAQGĦA MILL-BIDU TAL-KUNSILL: NRU 447***
***IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 75***
***Il-Ġimgħa 26 ta' Ottubru 2012 fis-6:00pm.***

*Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6:00pm*

*Preżenti:*

*Dr Monica Vella – Sindku*

*Joseph Vella - Vici Sindku*

*Mr. Hubert Saliba – Kunsillier*

*Mr Teddy Mizzi -- Kunsillier 6:45p.m.*

*Marthese Portelli - Kunsilliera*

-------------------------------------------------------

*Uffiċjali:*

*Ms Sue-Ellen Bugeja – Segretarju Eżekuttiv*

*Intqgħalet it-Talba.*

1. **<u>Minuti 446</u>**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 446 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

2. **<u>Applikazzjoni tal-Unjoni Ewropej ta' l-ERDF</u>**

   Is-Sindku infurmat li hi u s-Segretarja qed jaħdmu fuq l-applikazzjoni biex id-deadline tintlaħaq. Is-Sindku infurmat li kien hemm konsulent Daniele Fantechi li kien ser jgħin biex din l-applikazzjoni tkun tista' timtela. Is-Sindku infurmat ukoll lill-Kunsill li l-Gimgha 26 t'Ottubru wara nofsinhar dan il-Kunsulent cempel l-uffiċċju tal-Kunsill jgħid li ma jistax ikompli fuq din l-applikazzjoni. Peress li d-deadline kien fid-29 t' Ottubru ma kienx baqa' zmien x'jigi mitluf. Is-Sindku staqsiet kienx hemm xi konsulenti oħra u ġie ssuġġerat Cyrus Engerer. Is-Sindku għamlet kuntatt miegħu u Cyrus Engerer bagħat email bil-kwotazzjoni tiegħu ta' bejn 1000 u 1100euro biex jitlesta x-xoghol fi 22siegha. Il-Vici Sindku Joseph Vella ddikjara li għandu interess pekunjarju u għalhekk ħareg mill-laqgħa f'dan il-mument biex jottempora ruħhu ma' l-artiklu 19 tal-ligi dwar il-Kunsilli Lokali. l-Kunsill qabel li għandu iqabbad lil Cyrus Engerer biex jgħati s-servizz tiegħu f'din l-applikazzjoni biex ma tintilifx din il-possibilita li jingabru l-fondi biex

titranga l-Berga, t-toroq tal-madwar u l-Pjazza u għall-estensjoni tal-Kunsill. Barra minn hekk lanqas jintilef x-xogħol kollu li kien sar mis-Sindku u s-Segretarja.

## 2. <u>Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa</u>

### Mill-Korrispondenza

F'dan il-mument il-Vici Sindku gie nfurmat li jista' jerga' jidhol ghal-laqgha u rega' daħal għall-laqgħa

i. Email mingħand il-librarja Monica Mercieca dwar ilma li qed jidhol meta tkun ix-xita fil-librerija. Hi qalet li qed ikun hemm ħsarat fuq il-kotba bl-ilma tax-xita. Is-Segretarja marret fil-post mal-ħaddiema tal-gvern u dawn ħadu l-qisien fil-post biex is-Segretarja tordna irħama fil-bieb tal-librerija u paraqua. Is-Segretarja ser tieħu ħsieb ukoll tibgħat lill-ħaddiema tal-Kunsill biex jaqtgħu l-haxix li hemm mal-bejt.

ii. Email mingħand Vanessa Attard rigward il-ħlas ta' 100euro għall-compare fl-Attivita ta' Fiori d'Argenta. Il-Kunsill iddeċieda li din tingħata l-amount ta' 50 euro biss għas-servizz tal-Gimgħa 14 ta' Gunju peress li s-Sibt hi ġiet tard aktar milli kien miftiehem u peress li ma kienx hemm ftehiem fuq flus għas-servizz min qabel il-Kunsill kien ħaseb li is-servizz ser ikun volontarju.

iii. PQ 36855 mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar kemm saru public service calls, xaħar b'xaħar mill-bidu tas-sena fid-diversi dipartimenti, entajiet u korporazzjoni parastatali.

iv. Memo 37/2012 PQ 36814 mingħand l-Onor. Karl Gouder dwar kemm il-kunsilli lokali applika għall-program intact Summer School in Stasbourg.

v. Memo 35/2012 dwar Skema ta' Impjieg Inklussiv fil-Komunita'. Il-Kunsill ser jimla din l-applikazzjoni.

vi. Memo 27/2012 dwar Skema ta' Għajnuna finanzjarja għal korsijiet Lifelong Learning – Il-Kunsill ġie infurmat li ser ikollna kors tal-Malta u ieħor ta' l-Ingliz.

vii. 'Acknowledgement of Receipt of Application' mingħand il-MEPA dwar il-latrina Pubblika fil-Gnien ta' Blankas.

viii. Memo 38/2012 dwar - Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012/2013. Il-Kunsill ser japplika għall-Karnival u Fiori d'Argenta taħt din l-iskema.

ix. Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Artijiet dwar 'lease' għal tlett snin fuq Sit fi Triq il-Kanal u Gnien ta' Blankas.

x. Email mingħand Green Pak rigward il-ġbir taz-zibel fi zmien il-Milied u l-Ewwel tas-sena.

xi. Ittra mingħand il-Perit Lino Bianco dwar ix-xogholijiet ta' Restawr fi Gnien ta' Blankas.

xii. Ittra mingħand Care Malta rigward 'Nazzareno Vassallo Award for initiatives in Elder care'

xiii. Ittra mingħand Gozo Horse Racing Association dwar għajnuna ta' ħaddiema biex issir manutenzjoni fuq xi ħsarat li saru fuq il-korsa fil-maltemp.

xiv. Ittra mingħand il-Gozo Horse Racing Association dwar talba ta' 200 euro għal Gozo Local Council Heats li jieħdu sehem fiha dilettanti taz-zwiemel minn kull lokalita'. Il-Kunsill ma qabilx li jagħti din id-donazzjoni.

xv. Email mingħand TCTC rigward korsijiet. L-Kunsill iddeċieda li mhux ser jagħmel korsijiet tal-Komputers mat-TCTC għal din is-sena.

xvi. Ittra mingħand Frankline Zammit Galea, Dr Michael Galea, M.Anne Caruana u Noel Caruana dwar il-parking ta' Triq l-Arcipriet P.P. Ciantar u l-inħawi.

xvii. Ittra mingħand JP2 Foundation dwar ħlas ta' spejjez tal-vapur tal-crew ta' TVM biex tigi trazmessa l-quddiesa tal-Ħadd fuq TVM l-amount ta' 91.85 euro. Il-Kunsill iddeċieda li mhux ser ihallas dan l-amount.

xviii. Ittra mingħand Ghaqda Drammatika Xewkija dwar talba finanzjarja ghal Produzzjoni bl-isem Ix-Xabla tal-Fidda li ssir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel li bhal snin ta' qabel din għandha terga' issir għal waqt l-attivitajiet ta' Jum ix-Xewkija bil-Kollaborazzjoni tal-Kunsill.

xix. Ittra mingħand is-Socjeta Filarmonika Prekursur rigward hlas li sar fuq il-magazine tal-festa tal-banda.

xx. Ittra mingħand is-Socjeta Filarmonika Prekursur rigward il-prezzijiet ghas-servizzi tal-banda Prekursur.

xxi. E mail mingħand il-Local Council Association rigward laqgħa għall-kunsilliera ta' Malta u Ghawdex, is-Sibt 10 ta' Novembru 2012.

## 3. Ilmenti u Suġġerimenti

i. Ilment mingħand Liza Attard rigward bzonn ta' patching fi Triq San Bert. Il-Kunsill ser jibghat ittra lil TM rigward din it-triq peress li l-hsarat saru minhabba d-diversion min naħa tagħhom u għalkemm ilhom li wegħdu li ser jagħamlu il-manutenzjoni meħtiega, għandhom m'għamlu xejn.

ii. Ilment mingħand David Sultana riġward il-ġbir taz-zibel ta' Triq Gidi u dwar bini tal-ħitan tar-raba li hemm mad-dar tagħhom. Is-Segretarja tkellmet mal-KIP u infurmat lill-Kunsill li KIP qalu li peress li it-Triq mhux bit-tarmak u hija privata dawn ma jistgħux jidħlu jiġbru z-zibel min go fiha. Is-Sindku qalet li għandna naraw li z-zibel ta' din il-familja jingabar. Rigward il-bini tal-hajt il-kunsill ma jistax jibnihom peress li l-għalqa hija privata. Is-Sindku qalet li għandna naraw ta' min hi l-għalqa u jintalab itella' ħajt.

iii. Ilment mingħand Jason Azzopardi dwar tiswija ta' bankina fi Triq il-Ħamrija. Il-Kunsill ser jagħmlu fuq il-lista tal-bankini.

XEWKIJA

iv. Ilment mingħand Joe Fenech rigward roundabout f'salib it-toroq fejn il-farmhouses tar-rummiena. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill kien ilu li għamel traffic Management system li kienet tinkludi wkoll z-zebra crossings tal-Ħamrija. Din kienet intbgħatet lill-Ministeru għal Għawdex b'talba li jsir ix-xogħol meħtieg peress li Triq Ħamrija hija arterja. Is-Segretarja ser tagħmel ir-rapport bil-Customer Care.

v. Ilment mingħand Peter Rapa rigward yellow lines fi Triq Majuma. Il-Kunsill ser jgħaddi dan l-ilment lill-TM.

vi. Ilment mingħand Marjohn Hili rigward water culvert mizdud fi triq il-Ħamrija. Il-Kunsill ser jagħmel rapport mal-Customer Care.

vii. Ilment mingħand Antonia Rotin, Josephine Sultana, Elizabeth Cini, Frans Saliba, Eucharista Azzopardi rigward biex issir one way u ma jgħaddux truckijiet mit-Triq il-Ħamrija kantuniera ma' Triq l-Indipendenza. Peress li din Triq Arterjali s-Segretarja ser tgħaddi l-ilment lill-Customer Care.

viii. Ilment mingħand George Zammit rigward bankina miksura li hi perikoluza fi Triq Sant Elizabetta. Il-Kunsill ser jibgħat il-Kuntrattur jirranga din il-bankina.

ix. Suġġeriment minghand Clementa Haber biex issir mera quddiem il-garage tagħha. Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li qatt ma saru mirji quddiem garaxxijiet.

x. Ilment biex terġa tittranga it-Triq li tagħti għal Wasteserve. Il-Kunsill iddeċieda li mhux ser jerga' jirranga din it-triq għax qed isiru ħafna spejjez u ma' l-ewwel xita terga' tiġi kif tkun.

xi. Suġġeriment mingħand Jeremy Vella biex teħel gate quddiem il-masionettes ta' Triq il-Hamrija u jitnehhew il-karozzi li hemm. Il-Kunsill ser jibgħat ittra lid-direttur fuq dan.

xii. Ilment mingħand Josephine Buttigieg rigward double yellow lines fi Triq San Duminku. Is-Sindku ser tmur tara fil-post.

xiii. Ilment mingħand Miriam Pace rigward zibel li qed jagħtuh in-nar fi Triq Santa Elizabetta. Il-Kunsill ser jibgħat ittra lill-MIP dwar dan.

xiv. Eleonor Galea dwar Speed humps fi Triq San Gwann. Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li mhux qed isiru speed humps fir-raħal minħabba li fejn saru kellhom jerggħu jitneħħew.

xv. Mistoqsija mingħand Marcelle l-ispizjara ta' Triq l-Indipendenza biex tara jekk tistax tmexxi biex tagħmel bankina b'rampa li għandha permess mingħand il-Kummissjoni Persuni b'Dizabilita. Il-Kunsill qabel li jekk din għandha kollox kif suppost u izzomm l-istess disinn u wiesa' tal-bankini l-oħrajn ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

xvi. Ilment mingħand George Zammit biex issir Triq Rotonda bi ftit Turba. Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li din hija Triq privata.

xvii. Ilment mingħand Hubert Saliba il-ħmieg tal-klieb fil-Pjazza San Gwann Battista. Il-Kunsill ser iqassam ittra god-djar.

xviii. Ilment mingħand Liza Attard biex tgħaddi l-Arriva min Triq San Bert Kollha. Il-kunsill ser jibgħat l-ilment lil TM.

xix. Ilment mingħand George Debrincat biex Triq Bir il-Francizi titnaddaf sew b'gaffa u z-zrar li hemm mal-genb tat-triq inwittuh sew mat-triq. Il-Kunsill ser ikellem il-TM rigward jekk jistax jintuza z-zrar u l-Kunsill ser innaddaf iz-zona.

**4. Kwotazzjonijiet:-** Air Condition

Il-Kunsill fetaħ l-kwotazzjonijiet kien hemm erbgħa kwotazzjonijiet:-
Il-Kwotazzjonijiet kienu:- Miguel Appliances Repair 480 euro VAT incluz, Miguel Appliances Repair 654,50euro VAT incluz, Joseph Tabone 570euro VAT inkluz, Kencar Company Ltd- 565 euro VAT incluz.

Il-Kunsill iddeċieda li jitlob parir dwarhom u wara jiehu deċizjoni.

**5. Tmiem il-Laqgħa**

Il-Laqgħa ntemmet fl-09:20 p.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Dr Monica Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |